MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 971/2001/1

**L-Awtorita` tad-Djar**

**v.**

**Peter Paul Cutajar u b'digriet tal-5 ta' Gunju 2002, gie msejjah fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Awtorita` attrici fil-31 ta' Mejju 2001, li jaqra hekk:

"Illi l-atturi huma proprjetarju tal-art indikata bin-numru 40B tal-Qajjied L/O Siggiewi li hija ndikata bl-ahmar fil-

pjanta annessa bhala Dokument “A” liema art giet akkwistata permezz ta’ Avviz Legali 61/99 (Dokument “B”).

“Illi fuq din l-art il-konvenut bena immobbli u zamm pussess tal-istess minghajr ma kellu titolu fuq l-art in kwistjoni.

“Illi intepellatat biex jizgumbra mill-immobbli in kwistjoni l-konvenut baqa’ inadempjenti;

“Illi bl-agir tieghu l-konvenut irrekat danni lill-atturi kif ser jigi provat fit-trattazzjoni;

“Illi inghata digriet li permezz tieghu l-konvenut gie inibit milli jkompli jibni u jizviluppa l-art in kwistjoni (Mandat ta’ inibizzjoni Numru 990/01 tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili degretat fit-18 ta’ Mejju 2001).

“Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara li l-art u l-immobbli eretti fuqha mmarkata bl-ahmar fil-pjanta annessa bhala dokument “A” hija proprjeta` assoluta tal-atturi;

“2. Tiddikjara illi l-konvenut bena bini fuq l-art indikata bl-ahmar fil-pjanta annessa bhala Dokument “A” u qieghed jokkupa u jzomm l-pussess tal-istess art u bini minghajr titolu validu fil-ligi;

“3. Tordna u tiddikjara lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din il-Qorti jizgumbra mill-art u bini ndikata bl-ahmar fil-pjanta dokument “A” u jghaddi l-pussess vakant tal-istess immobbli lill-Awtorita` tad-Djar;

“4. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kawzati lill-Awtorita` tad-Djar u naxxenti mill-okkupazzjoni u mill-bini tal-art in kwistjoni;

“5. Tillikwida d-danni sofferti mill-Awtorita` tad-Djar nexxenti mill-okkupazzjoni illegali tal-immobbli in kwistjoni;

“6. Tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` tad-Djar dak l-ammont illikwidat skont il-hames talba;

“7. Tordna illi l-konvenut jigi inibita definittivament milli jkompli jibni fuq l-art in kwistjoni.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq indikat u degretat fit-18 ta’ Mejju 2001 u l-interessi.

“Il-konvenut ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi l-kirja tal-post hija fuq ommu bhala armla ta’ missieru Pietru u huwa jghix ma’ ommu, imma t-titolu tal-istess abitazzjoni hija tal-omm.

“2. Illi huwa l-istess bhal ommu fil-kawza 972/01 qed iqajjem is-segwenti eccezzjonijiet u kwistjonijiet ta’ natura Kostituzzjonali.

“a) Illi hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 38 tal-Kostituzzjoni** (Proprjeta` protezzjoni tal-intimita` tad-dar jew proprejta` ohra) u l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem Kap 319 l-ewwel skeda**.

“b) Illi l-**artikolu 12 tal-Kap 261** li fuqu l-Awtorita` tad-Djar qed tibbaza d-dritt taghha jmur kontra l-Kostituzzjoni fl-**artikolu 39** u l-**artikolu 6(1)** u l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan b’rabta mal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol addizzjonali ghall-istess konvenzjoni. Dawn il-kwistjonijiet qed jitqajmu *a termini* tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** li jaghtu l-gurisdizzjoni lil din il-Qorti li tinvestiga tali kwistjonijiet u l-**artikolu 4 tal-**

**Kap 319** li jaghmel l-istess artikolu tal-kostituzzjoni applikabbli ghall-Konvenzjoni Ewropea

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat li b’digriet tal-5 ta’ Gunju 2002, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili accettat talba tal-konvenut li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali minhabba kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali li gew minnu sollevati fin-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Frar 2009, li in forza taghha ddecidiet billi:

“...filwaqt li tillibera lil Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

“1. Tiddikjara li l-art bin-numru 40B tal-Qajjied limiti tas-Siggiewi ndikata f’din il-kawza fil-pjanta Dok. “MP 3” u mmarkata bl-ahmar fil-pjanta annessa bhala dokument “A” mac-citazzjoni u l-immobbli eretti fuqha hija proprjeta` assoluta ta’ l-Awtorita’ attrici;

“2. Tiddikjara illi l-konvenut bena bini fuq l-art indikata bin-numru 40B tal-Qajjied limiti tas-Siggiewi indikata f’din il-kawza fil-pjanta Dok. “MP 3” u wkoll bl-ahmar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni attrici bhala Dokument “A” u qieghed jokkupa u jzomm il-pussess tal-istess art u bini minghajr titolu validu fil-ligi;

“3. Tordna u tiddikjara lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju ta’ erbghin (40) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jizgumbra mill-art u bini ndikat f’din il-kawza fil-pjanta Dok. “MP 3” u wkoll bl-ahmar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni attrici bhala Dokument “A” u jghaddi l-pussess vakanti tal-istess immobbli lill-Awtorita` tad-Djar;

“4. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kawzati lill-Awtorita` tad-Djar u naxxenti mill-okkupazzjoni u mill-bini tal-art in kwistjoni;

“5. Tillikwida d-danni sofferti mill-Awtorita` tad-Djar naxxenti mill-okkupazzjoni illegali tal-immobbli in kwistjoni fl-ammont ta’ tliet elef, erba’ mija u hamsa u disghin ewro (€3,495 (ekwivalenti ghal Lm1,500).

“6. Tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` tad-Djar dak l-ammont ta’ tliet elef, erba’ mija u hamsa u disghin Euro (€3,495) (ekwivalenti ghal Lm1,500) likwidat *in linea* ta’ danni skont il-hames talba attrici.

“7. Tordna illi l-konvenut jigi inibit definittivament milli jkompli jibni fuq l-art in kwistjoni u dan *stante* li qed jokkupa l-istess bla ebda titolu validu fil-ligi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni datat 18 ta’ Mejju 2001, u l-ispejjez tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Generali u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kollha kontra l-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-azzjoni ttentata mill-Awtorita` attrici hija dik vendikatorja fejn l-Awtorita` attrici qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara porzjon art indikata bhala plot 40B f’Tal-Qajjied limiti tas-Siggiewi u mmarkata b’asterisk fil-pjanta annessa mac-citazzjoni (Dok. “A” a fol. 5) bhala l-art assoluta taghha. L-awtorita` attrici qeghda titlob l-izgumbrament tal-konvenut minn din l-art kif ukoll qed titlob hlas tad-danni kkawzati lilha minhabba l-okkupazzjoni llecita tal-konvenut. Qed titlob *in oltre* lil din il-Qorti tordna lill-konvenut ma jkomplix jibni fuq l-art in kwisjtoni.

“Illi sabiex tintlaqa’ t-talba attrici, f’kawza ta’ din in-natura, jehtieg illi jitressqu provi dwar it-titolu ta’ proprjeta` ta’ l-Awtorita` attrici. Il-Qrati lokali ppronuncjaw ruhhom diversi drabi fuq dan il-punt (ara fost ohrajn **“Milner Developments Limited vs Sandra Agius et”** (P.A. (RCP) - 29 ta’ Novembru 2007) u **Frank Pace et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet et** (P.A. (JRM) – 19 ta’ Frar

2004). Illi fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-art in kwistjoni li hija art formanti parti minn plot ikbar bin-numru 40 f'Tal-Qajjied limiti tas-Siggiewi giet trasferita lill-Awtorita` tad-Djar fl-1 ta' Marzu, 1999 bhala plot bin-Numru 40 permezz ta' l**-Avviz Legali 61 ta' l-1999 taht l-Att Dwar l-Awtorita` tad-Djar (Kap. 261).** Jirrizulta illi din il-plot giet registrata mill-Ufficcju Kongunt mar-Registru ta' l-Artijiet (Dok. "C" a fol 91).

"Illi min-naha tieghu l-konvenut isostni illi huwa ma huwiex sid l-art pero` din il-porzjon art tinsab mikrija lil ommu Felicia Cutajar u ghalhekk huwa ma huwiex qieghed jokkupa l-art illecitament. Fil-fatt din hija l-eccezzjoni primarja tal-konvenut illi fuqha qed jissejjes l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu. Jirrizulta, mill-provi mressqa, illi missier il-konvenut kien inghata l-fond *ossia* Palazzo Tonna f'Main Street fis-Siggiewi flimkien ma' gardina u zewg gardinetti kontigwi ma' l-istess fond b'titolu ta' cens permezz tal-kuntratt tal-21 ta' Ottubru 1955 redatt u ppubblikat min-Nutar Dottor Paul Pullicino (Dok. "CV" a fol. 102 *et seq* fil-kawza 972/01). Din il-koncessjoni enfitewtika giet sussegwentement rexissa permezz tal-kuntratt datat 23 ta' Novembru ta' l-1955 redatt u ppubblikat mill-istess Nutar (Dok. "CV2" a fol. 120 *et seq* fil-kawza 972/01). Jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi sussegwentement il-fond gie mikri lill-istess familja (xhieda ta' Carmen Azzopardi a fol. 87 – fil-kawza 972/01). F'dan is-sens giet ezebita pjanta mmarkata bhala Dok. "E" a fol. 95 - 972/01 u ohra bhala Dok. "CV4" li tindika l-arja illi giet mikrija lil Cutajar mill-Ufficcju Kongunt.

"Illi jirrizulta pero` illi, ghalkemm omm il-konvenut ghandha titolu ta' kera fuq l-istess fond 57, Main Street, Siggiewi, dan il-fond qatt ma kien jinkludi l-art mertu tal-kawza odjerna u dan jirrizulta b'mod mill-iktar car mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar fir-rapport tieghu datat 19 ta' Gunju 2007 (a fol. 97 *et seq*) fejn jirrizulta mill-konkluzjonijiet tieghu enumerati (1) sa (6) li l-fond mikri lill-konvenuta fil-kawza l-ohra Felicia Cutajar qatt ma kien jinkorpora l-art mertu tal-kawza odjerna u dan kif jidher car mill-pjanti kollha minnu ndikati u li ghamel riferenza ghalihom fl-istess relazzjoni u in partikolari l-pjanti Dok.

“MP 2” u “MP 3” formanti parti u annessi mal-istess rapport peritali (fol. 124 u 125).

“Illi fil-fatt fir-rapport tieghu, il-perit identifika tliet porzjonijiet ta’ art distinti skont il-pjanta immarkata bhala Dok. “MP 2” a fol. 151 u cjoe” (a) l-art (flimkien ma’ Palazzo Tonna) li kienet giet mghotija lill-zewgt il-konvenuta fil-kawza l-ohra taht titolu ta’ emfitewsi skont il-kuntratt tal-21 ta’ Ottubru 2001 (immarkata bil-kulur isfar), liema kuntratt kien gie rexiss b’kuntratt datat 23 ta’ Novembru 1955; (b) l-art (flimkien ma’ Palazzo Tonna) li sussegwentement inkriet lill-konvenuta Cutajar fil-kawza l-ohra (immarkata bil-kulur blu);  u (c) l-art illi hija l-mertu tal-kawza – plot 40 maqsuma kif indikat fi plot 40A u plot 40 B (immarkat bil-kulur ahmar kemm fuq il-pjanta Dok. “MP 2” u kemm fuq il-pjanta Dok. “MP 3”)  fuq liema art l-istess konvenuti (f’din il-kawza u fil-kawza l-ohra) ma ghandhom u qatt ma kellhom ebda titolu kwalunkwe.  Fil-fatt jirrizulta car mir-relazzjoni tal-perit tekniku illi plot 40 ma taghmilx parti la mill-art li originarjament kienet giet koncessa b’cens u lanqas minn dik illi inghatat b’kirja lill-familja Cutajar.

“Illi f’dan ir-rigward u minkejja l-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku, il-konvenut, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, jargumenta illi tali okkupazzjoni xorta ma hijiex wahda illecita. Isostni illi peress illi ommu qieghda tokkupa art illi fil-fatt tinsab ezatt biswit dik mikrija lilha u peress illi s-sid qatt ma rrifjuta l-kera tal-parti ta’ l-art mikrija lilha, allura dan jammonta ghal akkwixxenza tas-sid. Isostni illi ghalhekk dan jammonta ghal kunsens tacitu tas-sid li l-kirja tigi estiza ghall-porzjon ta’ l-art mertu ta’ din il-kawza u allura din l-art illum tinsab ukoll mikrija wkoll lilha.

“Illi l-konvenut qieghed issostni dan proprju ghaliex qatt ma kien hemm rifjut tal-kera fuq l-art il-mikrija. Illi ghall-finijiet ta’ determinazzjoni ta’ ezistenza *o meno* ta’ jedd tal-konvenuta l-ohra li tokkupa l-art in kwistjoni, din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 1526(1) tal-Kap. 16** li jipprovdi illi l-kuntratt ta’ kera huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tiftiehem li taghti lill-parti l-ohra t-tgawdija ta’ haga, ghal zmien miftiehem u b’kera miftiehem, li din il-parti l-ohra li

tintrabat li thallas lilha. Il-ligi fil-fatt titkellem fuq il-haga li tkun l-oggett tal-kirja bhala xi haga korporali, determinata, kemm jekk mobbli kif ukoll immobbli (**artikolu 1526 (2) tal-Kap. 16**). F'dan il-kaz, l-art mikrija lil Cutajar hija fil-fatt indikata permezz tal-pjanta mahruga mir-Registru ta' l-Artijiet (Dok. "E" a fol. 95) u minn imkien ma' hemm xi prova li l-konvenuta fil-kawza l-ohra ghandha xi titolu fuq l-istess art mertu tal-kawza odjerna. Mill-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien li l-istess konvenuta fil-kawza l-ohra ghandha xi titolu fuq l-istess art mertu tal-kawza odjerna, anzi l-provi kollha jindikaw li hija qed tokkupa l-istess art bla ebda titolu validu fil-ligi u abbusivament.

"Illi in kwantu ghall-argument imressaq mill-konvenut illi l-accettazzjoni tal-kera ghall-fond mikri lilha jammonta b'xi mod ghal akkwixxenza tas-sid, din il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma. L-accettazzjoni tal-kera f'dan il-kaz kienet tirreferi biss ghall-ambjenti attwalment mikrija lill-konvenuta fil-kawza l-ohra, u ma hemm xejn fl-istess ricevuti li jindikaw li tali kirja kienet giet estiza ghall-art mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt imkien ma hemm jew giet prodotta xi prova ta' manifestazzjoni ta' l-akkwixxenza tas-sid ghall- irregolarita` ta' l-inkwilin (ara **"George Mizzi vs Joseph Ferrito et"** – Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) – 22 ta' Gunju 2001; **"Il-Konti Alfred Sant Fournier vs Francis Bezzina Wettinger"** – Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) – 10 ta' Jannar, 2003). Lanqas ma gie ppruvat li b'xi mod is-sid ried ibiddel in-natura ta' l-oggett mikri lill-konvenuta fil-kawza l-ohra, u fil-fatt il-Qorti thoss li ma hemm prova ta' xejn dwar dak li qed jigi allegat Felicia Cutajar jew il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

"Illi, minn dan kollu jirrizulta illi filwaqt li l-Awtorita` attrici ghandha titolu ta' proprjeta` fuq l-art mertu ta' din il-kawza, jirrizulta wkoll car illi l-konvenut ma ghandu u qatt ma kellu l-ebda titolu validu skont il-ligi fuq l-istess art. Ma huwiex kontestat u huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-fatt il-konvenut qieghed jokkupa l-art mertu tal-kawza u dan kif wara kollox jidher mir-ritratti immarkati bhala Dok. "MC1" u "MC 2" (a fol. 106/107) fir-rapport tal-perit tekniku). Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa'.

"Illi in kwantu ghas-subinciz (a) u (b) ta' l-ewwel ecccezzjoni, dawn qeghdin jigu msejsa fuq il-fatt illi jekk kemm-il darba l-konvenut u ommu jigu mkeccija mir-residenza taghhom, dan ikun qieghed isir bi ksur tal-**Kostituzzjoni** u tal-**Konvenzjoni Ewropeja ghal Protezzjoni u Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319).** Isostni ksur ta' l-**artikolu 38** li jissancixxi d-dritt ghall-protezzjoni ghall-initimita` tad-dar jew ta' proprjeta` ohra kif ukoll l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni**. Issostni *in oltre* illi l-**artikolu 12 ta' l-Att Dwar l-Awtorita` tad-Djar (Kap. 261)** imur kontra l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi ghal disposizzjonijiet illi jizguraw protezzjoni tal-ligi. Issostni li l-artikolu 12 imur ukoll kontra l-**artikoli 6 (1) u 14 tal-Konvenzjoni**.

"Illi kif gie rilevat iktar 'il fuq, din hija kawza rivindikatorja fejn l-Awtorita` qed titlob lil din il-Qorti tordna lill-konvenut jizgombra minn art illi fuqha huwa m'ghandu l-ebda dritt. Ma hijiex kawza *ai termini* ta' l-**artikolu 12 tal-Kap. 261.** Illi *in oltre* din il-Qorti *in vista* tal-kunsiderazzjonijiet li diga` ghamlet fid-dawl tal-provi mressqa u tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku li lkoll juru a sodisfazzjon taghha illi mertu ta' din il-kawza ma jirrigwardax l-art mikrija lill-omm il-konvenut izda art ohra illi la il-konvenut u lanqas ommu ma ghandhom l-ebda titolu fuqha, di konsegwenza din il-Qorti ma thossx illi ghandha taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri rigward allegazzjonijiet tal-konvenut illi hemm ksur ta' dritt ta' natura kostituzzjonali in kwantu tali allegazzjonijiet huma msejsa fuq il-premessa illi l-Awtorita` tad-Djar qed titlob lura art li kienet qed tinkera lill-omm il-konvenut, premessa illi ma gietx pruvata. Anzi gie pruvat li l-istess konvenut u ommu qed jokkupaw art li ma ghandhom ebda dritt fuqha.

"Illi in kwantu ghat-talba attrici ghad-danni allegatament sofferti mill-Awtorita` attrici, jinghad illi din issostni illi soffriet dannu b'rizultat tal-okkupazzjoni illecita tal-konvenut. F'dan ir-rigward, gie pprezentat kalkolu ta' danni pretizi mill-Awtorita` permezz ta' l-affidavit ta' Carmelo Vella, *technical officer* ma' l-Awtorita` attrici,

immarkat bhala Dok. “CV1” (fol. 113). Gie kkalkulat illi sa Frar tas-sena 2008 l-attrici soffriet dannu ammontanti ghas-somma ta’ €38,339. Dan l-ammont ma giex ikkontestat mill-konvenut. Ma tressqet l-ebda prova kontrarja u lanqas saret talba ghal hatra ta’ periti teknici. L-attrici tibbaza l-ammont imsemmi fuq il-valur lokatizju ta’ zewg *maisonettes* u zewg *garages* li setghu jinbnew mill-Awtorita’ attrici wara li inhareg permess ta’ bini fuq il-plot okkupata mill-konvenut, permess li jinghad li inhareg fid-29 ta’ Awissu 2000, izda li lanqas gie esebit. Fl-affidavit tieghu Carmelo Vella isemmi illi fid-29 ta’ Awissu 2000, il-MEPA harget permess ghall-bini ta’ zewg *garages*, zewg *maisonettes* fuq il-plot in kwistjoni. Isostni illi sa sena u xahrejn wara l-hrug tal-permess, l-Awtorita` kienet tkun bniethom u lestiethom ghall-kiri. Dan il-permess ma giex ezebit ghalkemm din ix-xhieda ma gietx kontradetta mill-konvenut. Huwa minnu illi l-Qrati lokali, f’kawzi ta’ din in-natura, jistriehu fuq il-valur lokatizju sabiex jikkwantifikaw id-dannu soffert mill-vendikant (ara **“Milner Developments Limited vs Sandra Agius et”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru, 2007)). Pero` fil-kaz in ezami, l-attrici qed tistrieh fuq valur lokatizju ta’ proprjeta` illi ghadha ma tezistix u ghalhekk il-valur lokatizju huwa biss wiehed ipotetiku. Ghalhekk ukoll dan ma huwiex dannu diga` rekat izda dannu ipotetiku u f’dan il-kaz issir riferenza ghal dak li inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **“Joanna Briffa vs Spinola Development Company Limited”** (A.C. – 9 ta’ Jannar 2009). Fid-dawl ta’ dan kollu din l-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-ammont ta’ danni kif pretezi mill-istess Awtorita’ attrici u dan peress li dawn certament ma’ gewx ippruvati bil-mod minnhom allegat u pretiz.

“Illi pero`, mill-banda l-ohra, din il-Qorti ma tistax tiskarta t-talba ghad-danni kompletament in kwantu l-okkupazzjoni tal-konvenut fil-fatt qeghda zzomm lill-attrici milli taghmel uzu ta’ l-art in kwistjoni u ghalhekk id-dannu jezisti. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici ghandha tkun ikkumpensata ghal dan u thoss illi, minkejja li ma tistax tistrieh fuq l-ammont mitlub mill-Awtorita`, thoss illi ghandha tiffissa ammont hi *ex aequo et bono* (**“Charles Attard vs Carmelo Frendo et”** (P.A. (P.S.) – 31 ta’

Jannar 2003) u hekk tiffissa l-ammont ta’ €3,495 (ekwivalenti ghal Lm1,500).

“Illi in kwantu ghall-ahhar talba attrici u cioe` illi l-konvenut ghandu jigi inibit definittivament milli jkompli jibni fuq l-art in kwistjoni thoss li din it-talba ghandha tigi milqugha peress li l-konvenut ma ghandu ebda dritt fuq l-istess art, u fil-fatt f’din il-kawza qed jigi ordnat l-izgumbrament tieghu. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha kif hawn deciz fil-konfront tal-konvenut, b’dan li l-Avukat Generali qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“…tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u li ddikjarat li l-art hija llum tal-appellanti u tirrevokaha ghall-kumplament, billi tichad it-talbiet tal-istess awtorita` bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata awtorita`.”

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-Awtorita` tad-Djar li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, fl-ewwel lok, talbet illi din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut, u, fit-tieni lok, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“…tirriforma s-sentenza tal-Prim’awla tal-Qorti Civili tal-24 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fl-interita` taghha hlief fejn iddecidiet il-hames u s-sitt talba u fir-rigward ta’ dawn iz-zewg talbiet tillikwida d-danni sofferti mill-Awtorita` tad-Djar fl-ammont ta’ €38,339 u tordna lill-konvenut appellant ihallas lill-Awtorita` appellata l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti kemm ta’ din il-kawza, kif ukoll ta’ dik konnessa fl-ismijiet **L-Awtorita` tad-Djar v. Felicia Cutajar et** (Citazzjoni Numru 972/01) li

mxiet kontestwalment ma' din il-kawza (ara diversi verbali f'dan is-sens, inkluzi dawk tat-8 ta' Marzu 2006, u tas-7 ta' Ottubru 2008, fost ohrajn, quddiem l-ewwel Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta' din il-kawza huwa l-istess bhal dik tal-kawza b'citazzjoni Numru 972/01, li giet deciza wkoll illum minn din il-Qorti. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha f'dik id-decizjoni, li ghandhom japplikaw u jitqiesu parti minn din id-decizjoni. Fid-dawl ta' dawk il-konsiderazzjonijiet, din il-kawza sejra tigi deciza bl-istess mod kif giet deciza l-kawza l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut u mill-appell incidentali tal-Awtorita` attrici billi tichad l-istess, u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' erbghin jum li ffissat l-ewwel Qorti ghal fini tal-izgumbrament ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ddecidiet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jithallsu bin-nofs bejn l-Awtorita` tad-Djar u Peter Paul Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------